MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru. 290/2008

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 24 TA' APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**PATRICK PULLICINO ET**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Patrick Pullicino ta' 56 sena, bin Rosario u Yvonne nee' Stellini, mwieled Sliema nhar is- 26 ta' Lulju 1951, u residenti fil-fond 15 , Triq Brittanja, Mosta, detentur ta' Karta tal-Identita' bin-numru 573351(M);

Annika Pullicino ta' 19- il sena, bint Patrick u Auriol nee' Portanier, mwielda Pieta', fl- 1 ta' Gunju 1988, residenti fi 15, Triq Brittanja, Mosta, u detenrici tal- karta ta' l-identita' 266088(M);

David Abela ta' 18- il sena, bin Vincent u Mary Rose nee' Camilleri, mwieled Pieta', fid- 29 ta' Dicembru 1989, residenti f'57, ' Little Haven', Triq l- Idmejda, Balzan, u detentur tal- karta ta' l-identita' bin- numru 31990(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
1. F'dawn il- Gzejjer, fl- 1 ta' Frar 2008 u fix- xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, iffalsifikaw jew biddlu, minghajr il-kunsens tas- sid, l- ismijiet, il- marki jew is- sinjali distintivi tax- xoghol tal- mohh, jew tal- prodott ta' industrija, jew, xjentement, ghamlu uzu ta' dawn l- ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il- kunsens tas- sid;

2. Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement qeghedtu fic- cirkolazzjoni, bieghew jew zammew ghandhom ghall- bejgh jew importaw ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal , jew emblema imxebbhin b' qerq u cioe' optical diskettes konsistenti f' DVDs;

3. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampaw, immanifatturaw, idduplikaw jew mod iehor irriproducew jew ikkopjaw, jew bieghu, qassmu, jew mod iehor offrew

ghall- bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal- jeddijiet li johorgu mid- drittijiet ta' l- awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil- Ligi ta' Malta jew tatha.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li nghataw zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidraw;

Semghet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena u jirremettu ruhhom ghall-istess;

Ikkunsidrat:

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 18, 298 (1) (a), (f), 298 B tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qes issib lill- imputati Patrick Pullicino, Annika Pullicino u David Abela hatja u ghal daqstant tilliberahom bil-kundizzjoni li jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax (18) – il xahar millum, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tal- oggetti esebiti, taht is- supervizjoni tal- Kummisarju tal- Pulizija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA
MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------